



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 18 ta' Mejju 2020
(OR. en)

2020/0068 (COD)

PE-CONS 16/20

TRANS 185
MAR 66
CODEC 335

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li
jstabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u
rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u
awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ
perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġislazzjoni dwar it-trasport

REGOLAMENT (UE) 2020/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

**li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u rigward
it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet
u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perijodiku
f'ċerti oqsma tal-leġislazzjoni dwar it-trasport**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-kriżi tas-saħħa pubblika assoċjata magħha jirrapreżentaw sfida bla preċedent għall-Istati Membri u jimponu piż kbir fuq l-awtoritajiet nazzjonali, iċ-ċittadini tal-Unjoni, u l-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-operaturi tat-trasport. Il-kriżi tas-saħħa pubblika ħolqot ċirkostanzi straordinarji li jaffettwaw l-attività normali tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif ukoll il-ħidma tal-impriżi tat-trasport fir-rigward tal-formalitajiet amministrattivi li jridu jitlestew f'setturi differenti tat-trasport, u li b'mod raġonevoli ma setgħux jiġu antiċipati fil-ħin tal-adozzjoni tal-miżuri rilevanti. Dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji għandhom impatt sinifikanti fuq bosta oqsma li jkopri d-dritt tal-Unjoni dwar it-trasport.
- (2) B'mod partikolari, l-operaturi tat-trasport u persuni kkonċernati oħrajn jaf ma jkunux jistgħu jlestu l-formalitajiet jew il-proċeduri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċertifikati, liċenzji jew awtorizzazzjonijiet jew sabiex ilestu l-passi l-oħra meħtieġa biex iżommu l-validità tagħhom. Għall-istess raġunijiet, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jaf ma jkunux jistgħu jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u jiżguraw li t-talbiet rilevanti introdotti mill-operaturi tat-trasport jiġu ttrattati qabel jgħaddu l-iskadenzi applikabbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri biex jegħlbu dawk il-problemi u biex jiżguraw iċ-ċertezza tad-dritt u l-funzjonament tajjeb tal-atti legali kkonċernati. Jenħtieġ li jiġu previsti adattamenti għal dak il-għan, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti limiti taż-żmien, flimkien mal-possibbiltà li l-Kummissjoni tawtorizza estensjonijiet abbażi ta' talba mressqa minn kwalunkwe Stat Membru.

- (3) Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi regoli applikabbli għall-kwalifika inizjali u t-taħriġ perijodiku tas-sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri. Dawk is-sewwieqa jrid ikollhom ċertifikat ta' kompetenza professjonali (CPC) u jridu juru li lestew it-taħriġ perijodiku billi jkollhom liċenzja tas-sewqan jew kard ta' kwalifika tas-sewwieq, li fuqhom ikun irreġistrat it-taħriġ perijodiku. Minħabba d-diffikultajiet għad-detentur ta' CPC biex ilesti t-taħriġ perijodiku u t-tiġdid tas-CPC li jiċċertifika t-tlestija ta' dak it-taħriġ perijodiku bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkważati mit-tifqigħa tal-COVID-19, li fl-1 ta' Frar 2020 kienet diġà bdiet f'xi stati Membri, huwa meħtieġ li l-validità ta' dak is-CPC tiġi estiża għal perijodu ta' seba' xhur mid-data tal-iskadenza tiegħu, sabiex tkun żgurata l-kontinwità tat-trasport bit-triq. Jenħtieġ li l-miżuri rigward dawk il-kwistjonijiet meħuda mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva 2003/59/KE, l-Anness I għad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², jew l-Anness II għad-Direttiva 2003/59/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jibqgħu validi.

¹ Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perijodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).

² Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU L403, 30.12.2006, p. 18).

- (4) Id-Direttiva 2006/126/KE tistabbilixxi regoli dwar il-liċenzji tas-sewqan. Din tipprevedi r-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri abbażi ta' mudell tal-Unjoni ta' liċenzja tas-sewqan, u tistabbilixxi serje ta' rekwiżiti minimi għal dawk il-liċenzji. B'mod partikolari, is-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur irid ikollhom liċenzja tas-sewqan valida, li trid tiġi mġedda jew, f'xi każijiet, skambjata, meta tiskadi l-validità amministrattiva tagħha. Minħabba d-diffikultajiet fit-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, li fl-1 ta' Frar 2020 kienet diġà bdiet f'xi Stati Membri,, huwa meħtieġ li l-validità ta' ċerti liċenzji tas-sewqantiġi estiża għal perijodu ta' seba' xhur mid-data tal-iskadenza tagħhom, sabiex tkun żgurata l-kontinwità tal-mobbiltà bit-triq.

- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi regoli dwar it-takografi fit-trasport bit-triq. Il-konformità mar-regoli dwar il-ħin tas-sewqan, il-ħin tax-xogħol u l-perijodi ta' mistrieħ, kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u fid-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, hi essenzjali biex ikunu żgurati l-kompetizzjoni ġusta u s-sikurezza fit-toroq. Minħabba l-ħtieġa li tkun żgurata l-kontinwità tal-forniment tas-servizzi tat-trasport bit-triq, minkejja d-diffikultajiet fit-twettiq ta' spezzjonijiet regolari tat-takografi bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, l-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 li kellhom isiru bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, jenħtieġ li issa jsiru sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data meta kellhom isiru skont dak l-Artikolu. Għall-istess raġuni, id-diffikultajiet fit-tiġdid u s-sostituzzjoni tal-kards tas-sewwieqa bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jiġġustifikaw l-għoti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' żmien addizzjonali għal dawk il-finijiet. F'tali każijiet, jenħtieġ li s-sewwieqa jitqiegħdu f'pożizzjoni, u jkunu obbligati, jirrikorru għal alternattivi vijabbli għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa relatata mal-ħin tas-sewqan, il-ħin tax-xogħol u l-perijodi ta' mistrieħ sakemm taslilhom kard ġdida.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

² Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

³ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/15/KE tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

- (6) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi regoli dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom. L-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali hu kompitu kumpless maħsub biex jiżgura li meta jkunu qed jintużaw, il-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u aċċettabbli ambjentalment. Minħabba d-diffikultajiet fit-twettiq tat-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkważati mit-tifqigħa tal-COVID-19, li fl-1 ta' Frar 2020 kienet diġà bdiet f'xi Stati Membri, it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali li kellhom jitwettqu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jenħtieġ li issa jitwettqu f'data aktar tard, iżda mhux aktar tard minn seba' xhur wara l-limitu taż-żmien oriġinali, u ċ-ċertifikati kkonċernati jenħtieġ jibqgħu validi sa dik id-data.

¹ Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li jridu jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq. It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-kriżi tas-saħħa pubblika assoċjata magħha għandhom riperkussjonijiet serji fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tas-settur, u xi impriżi tat-trasport ma għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżit ta' kapaċità finanzjarja. Minħabba l-livell imnaqqas ta' attività li jirriżulta mill-kriżi tas-saħħa pubblika, huwa antiċipat li l-impriżi ser jieħdu aktar fit-tul mis-soltu biex juru li r-rekwiżit ta' kapaċità finanzjarja ser jerġa' jiġi ssodisfat b'mod permanenti. Għalhekk jixraq li jiġi estiż il-limitu taż-żmien massimu stabbilit għal dawk il-finijiet fl-Artikolu 13(1), il-punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 minn sitt xhur għal tnax-il xahar, għall-valutazzjonijiet tal-pożizzjoni finanzjarja ta' impriżi tat-trasport li jkopru l-perijodu kollu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u t-30 ta' Settembru 2020 jew parti minnu. Fejn dan in-nuqqas ikun diġà ġie stabbilit u l-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità kompetenti jkun għadu ma skadiex, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tkun tista' testendi dak il-limitu ta' żmien għal total ta' 12-il xahar.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

- (8) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1072/2009¹ u (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jistabbilixxu regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u għall-aċċess għas-suq internazzjonali għas-servizzi bil-kowċ u bix-xarabank, rispettivament. It-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq u t-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank huma soġġetti, inter alia, għall-pussess ta' liċenzja Komunitarja u, fil-każ tas-sewwieqa li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija, għal attestazzjoni tas-sewwieq. Anki l-forniment tas-servizzi regolari bix-xarabank u bil-kowċ hu konidzzjonali għal awtorizzazzjoni. Dawk il-liċenzji, l-attezzazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jiġu mġedda wara verifika li l-kundizzjonijiet rilevanti għadhom qed jiġu osservati. Minħabba - diffikultajiet fit-tiġdid tal-liċenzji u l-attezzazzjonijiet bħala konsewwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jeħtieġ li l-validità tagħhom tiġi estiża b'sitt xhur mid-data tal-iskadenza tagħhom, sabiex tkun żgurata l-kontinwità tat-trasport bit-triq.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

² Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

- (9) Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja. Minħabba l-miżuri ta' konfinament, flimkien mal-ħidma addizzjonali tagħhom biex jgħinu fit-trażżin tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-awtoritajiet nazzjonali, l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-infrastruttura qed jiffaċċaw diffikultajiet fir-rigward tat-tiġdid ta' ċertifikati uniċi tas-sikurezza u, fid-dawl tal-iskadenza tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza eżistenti li ġejja, tal-ħruġ ta' tali awtorizzazzjonijiet għal perijodu sussegwenti koperti rispettivament mill-Artikoli 10 u 12 ta' dik id-Direttiva. Għalhekk jenħteġ li l-limitu taż-żmien għat-tiġdid ta' ċertifikati uniċi tas-sikurezza jiġi estiż b'sitt xhur, u ċertifikati uniċi tas-sikurezza eżistenti kkonċernati jenħteġ jibqgħu validi kif xieraq. Bl-istess mod, il-validità ta' tali awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza jenħteġ li tiġi estiża b'sitt xhur.
- (10) F'konformità mal-Artikolu 33(2) tad-Direttiva (UE) 2016/798, ċerti Stati Membri estendew il-perijodu ta' traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, ir-regoli tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jibqgħu applikabbli f'dawk l-Istati Membri. Għaldaqstant jeħteġ li tkun prevista wkoll estensjoni tal-limiti taż-żmien għat-tiġdid ta' ċertifikati tas-sikurezza u tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza maħruġa skont l-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 2004/49/KE u li jiġi ċċarat li ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza kkonċernati jibqgħu validi kif ikun jixraq.

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

² Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzji tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

- (11) Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomottivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Unjoni. L-Artikoli 14(5) u 16 ta' dik id-Direttiva jipprevedu li l-validità tal-liċenzji tas-sewwieqa tal-ferroviji hija limitata għal għaxar snin u hija soġġetta għal kontrolli perjodiċi. Minħabba d-diffikultajiet fit-tiġdid tal-liċenzji bħala konsegwenza ta' ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jenħtieġ li l-validità tal-liċenzji li jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 tiġi estiża b'sitt xhur mid-data tal-iskadenza tagħhom. Bl-istess mod, jenħtieġ li s-sewwieqa tal-ferroviji jingħataw perijodu ta' sitt xhur addizzjonali biex ilestu l-kontrolli perjodiċi.

¹ Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomottivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

- (12) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea. Skont l-Artikolu 23(2) ta' dik id-Direttiva, l-awtoritajiet tal-liċenzjar jistgħu jwettqu reviżjoni regolari sabiex jivverifikaw li impriża ferrovjarja tkompli tissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dik id-Direttiva li jappartjenu għal-liċenzja tagħha. Skont l-Artikolu 24(3) ta' dik id-Direttiva, l-awtoritajiet tal-liċenzjar jistgħu jissospendu jew jirrevokaw liċenzja għal raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit ta' qagħda finanzjarja tajba u jistgħu jagħtu liċenzja temporanja sakemm issir ir-riorganizzazzjoni tal-impriża ferrovjarja, sakemm ma tiġix ipperikolata s-sikurezza. Minħabba ċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, l-awtoritajiet tal-liċenzjar għandhom diffikultajiet serji biex iwettqu r-reviżjonijiet regolari fir-rigward tal-liċenzji eżistenti u biex jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħruġ ta' liċenzji ġodda wara l-iskadenza ta' liċenzja temporanja. Għalhekk, l-iskadenzi għat-twettiq ta' reviżjonijiet regolari, li f'konformità ma' dik id-Direttiva, jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jenħtieġ li jiġu estiżi b'sitt xhur. Bl-istess mod, il-validità tal-liċenzji temporanji li jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u t-31 ta' Awwissu 2020, jenħtieġ li tiġi estiża b'sitt xhur.
- (13) L-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2012/34/UE jeżiġi li l-awtoritajiet tal-liċenzjar jieħdu deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzji fi żmien tliet xhur wara li l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari d-dettalji msemmija fl-Anness III għal dik id-Direttiva jkunu ntressqu. Minħabba d-diffikultajiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet rilevanti bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżai mit-tifqigħa tal-COVID-19, jeħtieġ li dak il-limitu taż-żmien jiġi estiż b'sitt xhur.

¹ Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

- (14) L-impriżi ferrovjarji li kienu finanzjarjament stabbli qabel it-tifqigħa tal-COVID-19 qed jiffaċċjaw problemi ta' likwidità li jistgħu jwasslu għas-sospensjoni jew għar-revoka tal-liċenzja operattiva tagħhom jew għas-sostituzzjoni tagħha b'liċenzja temporanja mingħajr ma jkun hemm hteġa ekonomika strutturali biex dan iseħħ. L-għoti ta' liċenzja temporanja skont l-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2012/34/UE jista' jibgħat sinjal negattiv lis-suq dwar il-kapaċità ta' sopravivenza tal-impriżi ferrovjarji, li mbagħad jaggrava l-problemi finanzjarji li kieku jkun temporanji biss. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi previst li, meta l-awtorità tal-liċenzjar, abbażi tal-kontroll imwettaq matul il-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, issib li impriża ferrovjarja ma tistax tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-qagħda finanzjarja tajba, jenħtieġ li din tkun tista', qabel il-31 ta' Awwissu 2020, tiddeċiedi li ma tissospendix jew li ma tirrevokax il-liċenzja tal-impriża ferrovjarja kkonċernata dment li s-sikurezza ma tkunx ipperikolata, u dment li jkun hemm prospett realistiku ta' ristrutturar finanzjarju sodisfaċenti tal-impriża ferrovjarja fis-sitt xhur ta' wara. Wara l-31 ta' Awwissu 2020, jenħtieġ li l-impriża ferrovjarja tkun soġġetta għar-regoli ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 24(1) ta' dik id-Direttiva.

- (15) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE¹ tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-akkwist taċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi tal-ilma interni fl-Unjoni. Malli jagħlqu 65 sena, id-detenturi taċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes huma meħtieġa jagħmlu eżamijiet mediċi perjodiċi. Fid-dawl tal-miżuri meħuda b'rabta mat-tifqigħa tal-COVID-19, u b'mod partikolari l-aċċess limitat għas-servizzi mediċi għal eżamijiet mediċi, id-detenturi taċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes jaf ma jkunux jistgħu jagħmlu l-eżamijiet mediċi meħtieġa fil-perijodu kkonċernat minn dawk il-miżuri. Għalhekk, f'każijiet meta l-limitu taż-żmien biex isiru l-eżamijiet mediċi kieku skada jew kieku jiskadi bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, jenħtieġ li dak il-limitu taż-żmien jiġi estiż b'sitt xhur f'kull wieħed mill-każijiet ikkonċernati. Iċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes kkonċernati jenħtieġ li jibqgħu validi kif ikun jixraq.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-akkwist taċ-ċertifikati nazzjonali tas-sidien tad-dgħajjes għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi tal-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 31).

- (16) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. L-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva jipprovdi għal limitazzjoni tal-perijodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna. Barra minn hekk, l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jipprevedi li d-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u li nħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri qabel is-6 ta' Ottubru 2018 skont id-Direttiva li kienet applikabbli qabel, jiġifieri d-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², għandhom jibqgħu validi sakemm jiskadu. Minħabba l-miżuri meħuda fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 jaf ma jkunx prattiku, u jaf xi kultant ikun impossibbli, għall-awtoritajiet kompetenti li jwettqu spezzjonijiet tekniċi sabiex jestendu l-validità taċ-ċertifikati rilevanti jew, fil-każ tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, li jissostitwixxuhom. Għalhekk, sabiex il-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni rilevanti jkunu jistgħu jkomplu joperaw, jixraq li l-validità taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna u tad-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, li kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, tiġi estiża b'perijodu ta' sitt xhur.

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

² Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE (ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1).

- (17) Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi regoli dwar it-tisħiħ tas-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-faċilitajiet tal-portijiet. Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² tistabbilixxi miżuri biex tittejjeb is-sigurtà fil-portijiet fil-każ ta' theddid ta' inċidenti tas-sigurtà. Tiżgura wkoll li l-miżuri tas-sigurtà meħuda skont ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 jibbenefikaw minn titjib tas-sigurtà fil-portijiet. Il-kriżi attwali tas-saħħa pubblika tagħmilha diffiċli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex iwettqu l-ispezzjonijiet u l-istħarriġ dwar is-sigurtà marittima bil-ħsieb tat-tiġdid ta' ċerti dokumenti fil-qasam tas-sigurtà marittima. Għalhekk, jeħtieġ li l-limiti taż-żmien għar-reviżjoni tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà u għall-pjanijiet tas-sigurtà meħtieġa minn dawk l-atti legali tal-Unjoni jiġu estiżi b'ammont taż-żmien raġonevoli sabiex l-Istati Membri u l-industrija tat-trasport marittimu jkunu jistgħu jkollhom approċċ flessibbli u pragmatiku, u biex il-ktajjen tal-provvista essenzjali jibqgħu miftuħa, filwaqt li ma tiġix kompromessa s-sigurtà. Il-flessibbiltà jenħtieġ li tingħata wkoll għall-provi u għall-eżerċizzji tas-sigurtà marittima, li l-atti legali tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima jeżiġu li jitwettqu f'ċerti skedi taż-żmien.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

² Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).

- (18) Meta Stat Membru jqis li l-applikazzjoni tar-regoli li minnhom dan ir-Regolament jidderoga, relatati, fost l-oħrajn, mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċertifikati, liċenzji jew awtorizzazzjonijiet, x'aktarx li tibqa' imprattikabbli lil hinn mid-dati speċifikati f'dan ir-Regolament, minħabba miżuri li hu jkun ħa biex jipprevjeni jew irażżan il-firxa tal-COVID-19, jenħtieġ li l-Kummissjoni, jekk tiġi mitluba minn dak l-Istat Membru, tkun awtorizzata tippermetti lill-Istat Membru kkonċernat li jestendi aktar il-perijodi speċifikati f'dan ir-Regolament, kif rilevanti Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali filwaqt li jiġi żgurat li s-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport ma jkunux f'riskju, jenħtieġ li din l-estensjoni tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi rifless il-perijodu li matulu t-tlestija tal-formalitajiet, il-proċeduri, il-kontrolli u t-taħriġ x'aktarx li tibqa' imprattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.
- (19) It-tifqigħa tal-COVID-19 affettwat l-Unjoni kollha iżda ma għamlitx hekk b'mod uniformi. L-Istati Membri ġew affettwati b'mod differenti u fi żminijiet differenti. Minħabba li d-derogi mir-regoli li normalment japplikaw għandhom ikunu limitati għal dak li huwa meħtieġ, jenħtieġ li, fir-rigward tad-Direttiva 2006/126/KE, tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, tad-Direttiva 2014/45/UE, tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 u tad-Direttiva 2007/59/KE, l-Istati Membri ikunu jistgħu jkomplu japplikaw dawk l-atti legali mingħajr ma japplikaw id-derogi previsti f'dan ir-Regolament fejn l-applikazzjoni ta' dawk l-atti legali tkun baqgħet prattikabbli. L-istess jenħtieġ li japplika meta Stat Membru jkun qed jaffronta tali diffikultajiet iżda jkun adotta miżuri nazzjonali adatti biex itaffihom. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jagħżlu li jagħmlu użu minn dik il-possibbiltà ma jimpedixxu ebda operatur ekonomiku jew individwu milli joqgħod fuq id-derogi previsti f'dan ir-Regolament li japplikaw fi Stat Membru ieħor, u jenħtieġ li b'mod partikolari jirrikonossu kwalunkwe liċenzja, ċertifikat u awtorizzazzjoni li l-validità tagħha ġiet estiża b'dan ir-Regolament.

- (20) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu estiżi l-limiti taż-żmien stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għat-tiġdid u għall-estensjoni tal-perijodu ta' validità ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u għall-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku b'rispons għaċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 fil-qasam tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u fil-passaġġi tal-ilma interni u s-sigurtà marittima, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġsabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (21) Minħabba l-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, ġie kkunsidrat xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (22) Minħabba n-natura imprevedibbli u għal għarrieda tal-COVID-19, kien impossibbli li miżuri rilevanti jiġu adottati fil-ħin. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikopru wkoll il-perijodu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Minħabba n-natura ta' dawk id-dispożizzjonijiet, jenħtieġ li tali approċċ ma jirriżultax fi ksur tal-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati.

- (23) Fid-dawl tal-ħtieġa ewlenija li jiġu indirizzati mingħajr dewmien iċ-ċirkostanzi kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 fil-qasam tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u fil-passaġġi tal-ilma interni u tas-sigurtà marittima, filwaqt li, fejn rilevanti, l-Istati Membri jiġu pprovduti b'perijodu raġonevoli ta' żmien biex jinfurmaw lill-Kummissjoni jekk huma jiddeċiedu li ma japplikawx ċerti derogi stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sabiex jiġi żgurat li -sitwazzjonijiet ta' inċertezza tad-dritt li jaffettwaw lil ħafna awtoritajiet u operaturi tat-trasport f'setturi differenti, b'mod partikolari meta l-limiti taż-żmien rilevanti diġà skadew, jibqgħu qosra kemm jista' jkun

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji applikabbli għat-tiġdid u għall-estensjoni tal-perijodu ta' validità ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u għall-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku b'rispons għaċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 fil-qasam tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u fil-passaġġi tal-ilma interni u tas-sigurtà marittima.

Artikolu 2

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva 2003/59/KE

1. Minkejja l-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva 2003/59/KE, il-limiti taż-żmien għat-tlestija, mid-detentur ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali (CPC), ta' taħriġ perjodiku li, f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perijodu ta' seba' xhur f'kull każ. Is-CPC għandu jibqa' validu skont dan.
2. Il-validità tal-immarkar tal-kodiċi armonizzat tal-Unjoni "95" prevista fl-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE magħmul mill-awtoritajiet kompetenti jew fuq il-liċenzja tas-sewqan inkella fuq il-kard ta' kwalifika tas-sewwieq imsemmija fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/59/KE abbażi tas-CPC- msemmi fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, għandha titqies li hija estiża għal perijodu ta' seba' xhur mid-data indikata fuq kull waħda minn dawk il-liċenzji tas-sewqan jew kards ta' kwalifika tas-sewwieq.

3. Il-validità tal-kards ta' kwalifika tas-sewwieq imsemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2003/59/KE li kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiża għal perijodu ta' seba' xhur mid-data tal-iskadenza indikata fuq kull waħda minn dawk il-kards.
4. Mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet transfruntiera msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-miżuri meħuda mill-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2003/59/KE u 2006/126/KE msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu matul il-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jibqgħu validi.
5. Meta Stat Membru jqis li t-tlestija tat-taħriġ perijodiku jew taċ-ċertifikazzjoni tiegħu, l-immarkar tal-kodiċi armonizzat tal-Unjoni, "95", jew it-tiġdid tal-kards ta' kwalifika tas-sewwieq aktarx jibqgħu imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew irażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1, 2 u 3, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodi ta' seba' xhur speċifikati fil-paragrafi 1, 2 u 3, kif rilevanti, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.

6. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 5, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1, 2 u 3 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tlestija tat-taħriġ perijodiku inkwistjoni jew taċ-ċertifikazzjoni tiegħu, l-immarkar tal-kodiċi armonizzat tal-Unjoni, "95", jew it-tiġdid tal-kards ta' kwalifika tas-sewwieq aktarx jibqgħu imprattikabbli u, fi kwalunkwe każ, m'għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva 2006/126/KE

1. Minkejja l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/126/KE u l-punt 3(d) tal-Anness I għal dik id-Direttiva, il-validità tal-liċenzji tas-sewqan li, f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiża għal perijodu ta' seba' xhur mid-data tal-iskadenza msemmija f'kull waħda minn dawk il-liċenzji tas-sewqan.

2. Meta Stat Membru jqis li t-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan aktarx jibqa' imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew irażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafu 1. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodu ta' seba' xhur, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.
3. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 2, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafu 1, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan aktarx jibqa' imprattikabbli, u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx mhux ser ikun, qed jiffaċċa diffikultajiet li jagħmlu t-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan imprattikabbli matul il-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali adatti biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1, wara li jkun l-ewwel informa lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan u għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafu 1 kif previst fl-ewwel subparagrafu ma għandu jimpedixxi l-attivitajiet transfruntiera ta' ebda operatur ekonomiku jew individwu li jkun qagħad fuq derogi stabbiliti fil-paragrafu 1 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 4

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fir-Regolament (UE) Nru 165/2014

1. Minkejja l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, l-ispezzjonijiet regolari previsti fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu li kieku kellhom isiru jew li kieku jridu jsiru bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 f'konformità ma' dak il-paragrafu għandhom isiru sa mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data meta kieku kellhom isiru skont dak l-Artikolu.
2. Minkejja l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, meta sewwieq japplika għat-tiġdid ta' kard tas-sewwieq f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom joħroġu kard tas-sewwieq ġdida sa mhux iktar tard minn xahrejn wara l-irċevuta tat-talba. Sa meta s-sewwieq jirċievi kard tas-sewieq ġdida mill-awtoritajiet emittenti tal-kards, l-Artikolu 35(2) ta' dak ir-Regolament għandu japplika għas-sewwieq mutatis mutandis, dment li s-sewwieq ikun jista' jagħti prova li t-tiġdid tal-kard tas-sewwieq kien mitlub skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament.

3. Minkejja l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, meta sewwieq japplika għas-sostituzzjoni ta' kard tas-sewwieq f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom joħroġu kard ta' sostituzzjoni sa mhux iktar tard minn xahrejn wara l-irċevuta tat-talba. Minkejja l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, is-sewwieq jista' jkompli jsuq sa meta jirċievi kard tas-sewwieq ġdida mill-awtoritajiet emittenti tal-kards diment li s-sewwieq jista' juri li rritorna l-kard tas-sewwieq lill-awtorità kompetenti meta tkun saritilha ħsara jew tkun qed taħdem ħażin u li talab kard ta' sostituzzjoni.
4. Meta Stat Membru jqis li l-ispezzjonijiet regolari, it-tiġdid tal-kards tas-sewwieqa jew is-sostituzzjoni tal-kards tas-sewwieqa kif rikjest mir-Regolament (UE) Nru 165/2014 aktarx jibqgħu imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1, 2 u 3, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, jew l-iskadenzi applikabbli għall-ħruġ ta' kard tas-sewwieq ġdida, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-l-1 ta' Awwissu 2020.
5. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 4, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1, 2 u 3 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu l-ispezzjonijiet regolari, it-tiġdid jew is-sostituzzjoni tal-kards tas-sewwieqa aktarx jibqgħu imprattikabbli, u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx mhux ser ikun, qed jiffaċċa diffikultajiet li jagħmlu l-ispezzjonijiet regolari, it-tiġdid tal-cards tas-sewwieqa jew is-sostituzzjoni tal-kards tas-sewwieqa imprattikabbli matul il-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali adatti biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1, 2 u 3, wara li l-ewwel ikun informa lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan u għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1, 2 u 3 kif previst fl-ewwel subparagrafu ma għandu jimpedixxi l-attivitajiet transfruntiera ta' ebda operatur ekonomiku jew individwu li jkun qagħad fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 5

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva 2014/45/UE

1. Minkejja l-Artikoli 5(1) u 10(1) tad-Direttiva 2014/45/UE u l-punt 8 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva 2014/45/UE, il-limiti taż-żmien biex isiru t-testijiet tal-affidabbiltà stradali li, f'konformità ma' daww id-dispożizzjonijiet, kieku kellhom isiru jew kieku jridu jsiru bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perijodu ta' seba' xhur.

2. Minkejja l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/45/UE u l-punt 8 tal-Anness II għal dik id-Direttiva, il-validità taċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali b'data ta' skadenza bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiża għal perijodu ta' seba' xhur.
3. Meta Stat Membru jqis li t-twettiq tat-testijiet tal-affidabilità stradali jew taċ-ċertifikazzjoni tagħhom aktarx jibqa' imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodu ta' seba' xhur, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.
4. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-twettiq tat-testijiet tal-affidabilità stradali u taċ-ċertifikazzjoni tagħhom aktarx jibqa' imprattikabbli, u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5 Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx mhux ser ikun, qed jiffaċċa diffikultajiet li jagħmlu t-twettiq tat-testijiet tal-affidabbiltà stradali jew taċ-ċertifikazzjoni tagħhom imprattikabbli matul il-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali xierqa biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2, wara li l-ewwel ikun informa lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan u għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2 kif previst fl-ewwel subparagrafu ma għandux jimpedixxi l-attivitajiet transfruntiera ta' ebda operatur ekonomiku jew individwu li jkun qagħad fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 6

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009

1. Minkejja l-Artikolu 13(1), il-punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, fejn awtorità kompetenti tistabbilixxi, abbażi tal-kontijiet u ċ-ċertifikati annwali msemija fl-Artikolu 7(1) u (2) ta' dak ir-Regolament għas-snin ta' kontabbiltà li jkopru il-perijodu kollu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u t-30 ta' Settembru 2020, jew parti minnu, li impriża tat-trasport ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' kapaċità finanzjarja stipulat fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament, il-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 13(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament ma għandux jeċċedi 12-il xahar.
2. Minkejja l-Artikolu 13(1), il-punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, fejn l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] li impriża tat-trasport ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' kapaċità finanzjarja stipulat fl-Artikolu 13(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament u tkun stabbiliet limitu ta' żmien biex l-impriża tat-trasport tirrettifika s-sitwazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' testendi dak il-limitu ta' żmien dment li l-limitu ta' żmien ma jkunx skada sa ... [id-data ... tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-limitu ta' żmien hekk estiż ma jistax jeċċedi 12-il xahar.

Artikolu 7

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009

1. Minkejja l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, il-validità tal-liċenzji Komunitarji li, kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandha titqies li hija, jew li għiet, estiża għal perijodu ta' sitt xhur. Il-kopji awtentikati tal-oriġinal għandhom jibqgħu validi skont dan.
2. Minkejja l-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, il-validità tal-attestazzjonijiet tax-xufiera li, kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandha titqies li hija, jew li għiet, estiża għal perijodu ta' sitt xhur.
3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġdid tal-liċenzji Komunitarji jew tal-attestazzjonijiet tax-xufiera aktarx jibqa' imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodu ta' sitt xhur, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.

4. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tiġdid tal-liċenzji Komunitarji jew tal-attestazzjonijiet tax-xufiera aktarx jibqa' imprattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx mhux ser ikun, qed jiffaċċa diffikultajiet li jagħmlu t-tiġdid tal-liċenzji Komunitarji jew tal-attestazzjonijiet tas-sewwieqa imprattikabbli matul il-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali adatti biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2, wara li jkun l-ewwel informa lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan u għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2 kif previst fl-ewwel subparagrafu ma għandu jimpedixxi l-attivitajiet transfruntiera ta' ebda operatur ekonomiku jew individwu li jkun qagħad fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 8

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 1073/2009

1. Minkejja l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, il-validità tal-liċenzji Komunitarji li, kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiża għal perijodu ta' sitt xhur. Il-kopji awtentikati tal-oriġinal għandhom jibqgħu validi skont dan.
2. Minkejja l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' servizzi regolari mressqa mit-trasportatur bejn it-12 ta' Diċembru 2019 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandha tittieħed mill-awtorità awtorizzanti fi żmien sitt xhur mid-data tat-tressiq tal-applikazzjoni. Minkejja l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkun intalab il-qbil tagħhom fir-rigward ta' tali applikazzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu għandhom jinnotifikaw lill-awtorità awtorizzanti bid-deċiżjoni tagħhom dwar l-applikazzjoni fi żmien tliet xhur. Meta l-awtorità awtorizzanti ma tirċevix tveġiba fi żmien tliet xhur, l-awtoritajiet ikkonsultati għandhom jitqiesu li jkunu taw il-kunsens tagħhom, u l-awtorità awtorizzanti tista' tagħti l-awtorizzazzjoni. L-estensjoni tal-limitu ta' żmien għal tliet xhur għall-Istati Membri li jkun intalab il-kunsens tagħhom skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 għandha tapplika għall-applikazzjonijiet li ġew irċevuti wara ...[xahrejn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Meta Stat Membru jikkunsidra li t-tiġdid tal-liċenzji Komunitarji aktarx jibqa' imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafu 1. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodi bejn 1-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew bejn it-12 ta' Diċembru 2019 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodu ta' sitt xhur, jew kwalunkwe taħlita tagħhom. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.
4. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafu 1, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tiġdid tal-liċenzji Komunitarji aktarx jibqa' imprattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx mhux ser ikun, qed jiffaċċa diffikultajiet li jagħmlu t-tiġdid tal-liċenzji Komunitarji imprattikabbli matul il-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali adatti biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1, wara li jkun l-ewwel informa lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan u għandha tippubblika avviż f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafu 1 kif previst fl-ewwel subparagrafu ma għandu jimpedixxi l-attivitajiet transfruntiera ta' ebda operatur ekonomiku jew individwu li jkun qagħad fuq derogi stabbiliti fil-paragrafu 1 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 9

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva (UE) 2016/798

1. Minkejja l-Artikolu 10(13) tad-Direttiva (UE) 2016/798, il-limiti taż-żmien għat-tiġdid taċ-ċertifikati tas-sikurezza uniċi li kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perijodu ta' sitt xhur. Iċ-ċertifikati tas-sikurezza uniċi kkonċernati għandhom jibqgħu validi skont dan.

2. Minkejja l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2016/798, il-validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza li, f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandha titqies li hija, jew li għet, estiża għal perijodu ta' sitt xhur.
3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġdid taċ-ċertifikati tas-sikurezza uniċi maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10(8) tad-Direttiva (UE) 2016/798 jew l-estensjoni tal-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza aktarx jibqgħu imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020 minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodu ta' sitt xhur speċifikat fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.
4. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tiġdid taċ-ċertifikati tas-sikurezza uniċi jew l-estensjoni tal-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza aktarx jibqgħu imprattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 10

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva 2004/49/KE

1. Minkejja l-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2004/49/KE, il-limiti taż-żmien għat-tiġdid taċ-ċertifikati tas-sigurtà li kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perijodu ta' sitt xhur. Iċ-ċertifikati tas-sigurtà kkonċernati għandhom jibqgħu validi skont dan.
2. Minkejja l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2004/49/KE, il-limiti taż-żmien għat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet tas-sigurtà li kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perijodu ta' sitt xhur. L-awtorizzazzjonijiet tas-sigurtà kkonċernati għandhom jibqgħu validi skont dan.
3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġdid taċ-ċertifikati tas-sigurtà jew tal-awtorizzazzjonijiet tas-sigurtà aktarx jibqa' imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew li jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodi ta' sitt xhur speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.

4. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tiġdid taċ-ċertifikati tas-sigurtà jew tal-awtorizzazzjonijiet tas-sigurtà aktarx jibqa' imprattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 11

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva 2007/59/KE

1. Minkejja l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2007/59/KE, il-liċenzji li kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perijodu ta' sitt xhur mid-data tal-iskadenza ta' kull waħda minn dawk il-liċenzji.
2. Minkejja l-Artikolu 16 u l-Annessi II u VII tad-Direttiva 2007/59/KE, il-limiti taż-żmien biex jitlestew il-kontrolli perijodiċi li, f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perijodu ta' sitt xhur f'kull każ. Il-liċenzji msemmija fl-Artikolu 14 u ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva għandhom jibqgħu validi skont dan.

3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġdid tal-liċenzji jew it-tlestija tal-kontrolli perjodiċi aktarx jibqgħu imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodu ta' sitt xhur speċifikat fil-paragrafu 1 u 2 rispettivament, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.
4. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tiġdid tal-liċenzji jew it-tlestija tal-kontrolli perjodiċi aktarx jibqgħu imprattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. Fejn Stat Membru ma jkunx, u x'aktarx mhux ser ikun, qed jiffaċċja diffikultajiet li jirrendu t-tiġdid tal-liċenzji jew it-tlestija ta' kontrolli perjodiċi imprattikabbli matul il-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali adatti biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2, wara li l-ewwel jinforma lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan u għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2 kif previst fl-ewwel subparagrafu ma għandu jimpedixxi l-attivitajiet transfruntiera ta' ebda operatur ekonomiku jew individwu li jkun qagħad fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 12

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva 2012/34/UE

1. Minkejja l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2012/34/UE, fejn awtorità tal-liċenzjar tkun ipprevediet reviżjoni regolari, il-limiti taż-żmien għat-twettiq ta' reviżjoni regolari li, f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perijodu ta' sitt xhur.

2. Minkejja l-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, il-validità tal-liċenzji temporanji li kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiża għal perijodu ta' sitt xhur mid-data ta' tmiem il-validità indikata f'kull waħda minn dawk il-liċenzji temporanji.
3. Minkejja l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2012/34/UE, l-awtorità tal-liċenzjar għandha tiegħu deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjonijiet imressqa bejn it-12 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 sa mhux iktar tard minn disa' xhur wara li tkun tressqet l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari d-dettalji msemmija fl-Anness III għal dik id-Direttiva.
4. Meta Stat Membru jqis li t-tweqqif ta' reviżjoni regolari jew it-tmiem tas-sospensjoni tal-liċenzji jew il-ħruġ ta' liċenzji ġodda f'każijiet meta l-liċenzji jkunu ġew revokati preċedement aktarx jibqgħu imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li Stat Membru jkun ħa biex jipprevjeni jew jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodu ta' sitt xhur, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.

5. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 4, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafu 1, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tmiem tas-sospensjoni tal-liċenzji jew il-ħruġ ta' liċenzji ġodda f'każijiet meta l-liċenzji jkunu ġew revokati preċedentement aktarx jibqgħu imprattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 13

*Trattament tal-liċenzji tal-impriżi ferrovjarji skont id-Direttiva 2012/34/UE
fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' qagħda finanzjarja tajba*

Minkejja l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, meta awtorità tal-liċenzjar, abbażi ta' kontroll imsemmi f'dik id-dispożizzjoni, li jkun twettaq matul il-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, issib li impriża ferrovjarja ma tistax tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-qagħda finanzjarja tajba msemmija fl-Artikolu 20 ta' dik id-Direttiva, din tista', qabel il-31 ta' Awwissu 2020, tiddeċiedi li ma tissuspendix jew li ma tirrevokax il-liċenzja ta' dik l-impriża ferrovjarja, diment li s-sikurezza ma tkunx ipperikolata u diment li jkun hemm prospett realistiku ta' ristrutturar finanzjarju sodisfaċenti tal-impriża ferrovjarja fil-perijodu ta' sitt xhur ta' wara.

Artikolu 14

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva 96/50/KE

1. Minkejja l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 96/50/KE, il-limiti taż-żmien biex isiru l-eżamijiet mediċi li, f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li għew, estiżi għal perijodu ta' sitt xhur. Iċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes ta' persuni li huma soġġetti għall-obbligu li jgħaddu eżamijiet mediċi kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dik id-Direttiva għandhom jibqgħu validi skont dan.
2. Meta Stat Membru jqis li t-tlestija tal-eżamijiet mediċi aktarx tibqa' imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020 minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafu 1. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodu ta' sitt xhur speċifikat fil-paragrafu 1, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.
3. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 2, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafu 1, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tlestija tal-eżamijiet mediċi aktarx tibqa' imprattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 15

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva (UE) 2016/1629

1. Minkejja l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, il-validità taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna li kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiża għal perijodu ta' sitt xhur.
2. Minkejja l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, il-validità tad-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u li nħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2006/87/KE qabel is-6 ta' Ottubru 2018, li, f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, kieku skadiet jew kieku tiskadi bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiża, għal perijodu ta' sitt xhur.
3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġdid taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna jew għad-dokumenti msemminjafil-paragrafu 2 aktarx jibqa' imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew jrażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 jew il-perijodi ta' sitt xhur speċifikati fil-paragrafu 1 u 2 rispettivament, jew it-tnejn li huma. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.

4. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tiġdid taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna jew tad-dokumenti msemmja fil-paragrafu 2 aktarx jibqa' imprattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 16

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 725/2004

1. Minkejja l-Artikolu 3(6) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, il-limiti taż-żmien għat-twettiq tar-reviżjoni perijodika tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-faċilitajiet tal-portijiet li kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estenzi sat-30 ta' Novembru 2020.
2. B'deroga mill-Parti B, it-taqsimi 13.6, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, jekk il-provi ma setgħux jew ma jistgħux isiru fl-intervalli speċifikati hemmhekk fl-2020, dawn għandhom isiru mill-inqas darbtejn matul l-2020 b'intervall massimu ta' sitt xhur bejniethom.

3. Minkejja l-Parti B, it-taqsimiet 13.7 u 18.6, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, il-limiti taż-żmien ta' 18-il xahar għat-twettiq tad-diversi tipi ta' eżerċizzji li, f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi b'sitt xhur f'kull każ, iżda fl-ebda każ lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2020.
4. Għall-finijiet tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti B, it-taqsimiet 13.7 u 18.6, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, li skontu d-diversi tipi ta' eżerċizzji jridu jitwettqu mill-inqas darba kull sena kalendarja, l-eżerċizzji li jitwettqu fl-2021 matul il-perijodu kopert b'awtorizzazzjoni maħruġa skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għandhom jitqiesu wkoll li twettqu fl-2020.
5. Meta Stat Membru jqis li t-twettiq tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-faċilitajiet tal-portijiet jew tad-diversi tipi ta' eżerċizzji msemmija fil-Parti B, it-taqsimiet 13.7 u 18.6, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, aktarx jibqa' imprattikabbli lil hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew irażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi u l-iskadenzi speċifikati fil-paragrafi 1 u 3, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, l-iskadenzi jew il-perijodu ta' sitt xhur speċifikat fil-paragrafi 1 u 3 rispettivament, jew kwalunkwe taħlita tagħhom. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.

6. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 5, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi u l-iskadenzi speċifikati fil-paragrafi 1 u 3 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tweqqiq tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-faċilitajiet tal-portijiet jew tad-diversi tipi ta' eżerċizzji aktarx jibqa' imprattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 17

Estensjoni tal-limiti taż-żmien previsti fid-Direttiva 2005/65/KE

1. Minkejja l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2005/65/KE, il-limiti taż-żmien għat-tweqqiq tar-reviżjoni tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-portijiet u tal-pjanijiet għas-sigurtà fil-portijiet li kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi b'sitt xhur f'kull każ iżda fl-ebda każ lil hinn mit-30 ta' Novembru 2020.
2. Minkejja l-Artikolu 7(7) u l-Anness III tad-Direttiva 2005/65/KE, il-limiti taż-żmien ta' 18-il xahar għat-tlestija tal-eżerċizzji tat-taħriġ li kieku skadew jew kieku jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi b'sitt xhur f'kull każ, iżda fl-ebda każ lil hinn mit-30 ta' Novembru 2020.

3. Għall-finijiet tar-rekwiżit stabbilit fl-Anness III tad-Direttiva 2005/65/KE, li skontu l-eżerċizzji tat-taħriġ iridu jitwettqu mill-inqas darba kull sena kalendarja, l-eżerċizzji tat-taħriġ li jitwettqu fl-2021 matul il-perijodu kopert b'awtorizzazzjoni maħruġa skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, għandhom jitqiesu wkoll li twettqu fl-2020.
4. Meta Stat Membru jqis li t-twettiq tar-reviżjoni tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-portijiet jew tal-pjanijiet għas-sigurtà fil-portijiet jew it-twettiq tal-eżerċizzji tat-taħriġ aktarx jibqa' imprattikabbli lill hinn mill-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew irażżan it-tixrid tal-COVID-19, jista' jressaq talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perijodi u l-iskadenzi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, l-iskadenzi jew il-perijodi ta' sitt xhur speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, jew kwalunkwe taħlita tagħhom. It-talba għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2020.
5. Meta, abbażi ta' talba li titressaq f'konformità mal-paragrafu 4, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perijodi u l-iskadenzi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perijodu li matulu t-tlestija tar-reviżjoni tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-portijiet jew tal-pjanijiet għas-sigurtà fil-portijiet jew it-tlestija tat-taħriġ aktarx tibqa' imprattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 18
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn ... [sebat ijiem wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Madanakollu, l-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(6), l-Artikolu 5(5), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 11(5) għandhom japplikaw minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

L-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafu ta' dan l-Artikolu ma jaffettwawx l-effetti retroattivi previsti fl-Artikoli 2 sa 17.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
